# ABBOZZ

STQARRIJA GHALL-MEDIA KOLLHA

## Servizzi ta' Respite u Prijoritajiet Ohra fil-Qasam tal-Persuni b'Dizabilità

Fost ix-xoghol ewlieni tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilità huwa li tidentifika prijoritajiet fil-qasam tad-dizabilità ibbazati fuq informazzjoni migbura minn sorsi differenti li fosthom, u b'mod partikolari, jinkludi kuntatt dirett kemm ma' persuni b'dizabilita', kif ukoll ma' genituri u 'carers' ohra taghhom.

Wahda mill-akbar problemi li qed jiffaccjaw persuni b'dizabilità u l-familji taghhom hi x'ser jigri minnhom meta l-familja taghhom ma tkunx tista' tkompli toffri s-sapport li ghandhom bzonn biex ikomplu jghixu fil-familja taghhom u fil-komunità. Dan jista jsir billi jkomplu jitjiebu s-servizzi ezistenti ta' respite, u billi kemm jista' jkun malajr jigi zviluppat servizz t'ghejxien fil-komunità.

Fir-rigward ta' servizzi ta' respite il-Kummissjoni taghmel distinzjoni bejn:

- Servizz ta' respite **ippjanat**, jigifieri li l-familja tkun taf bih min qabel u tkun tista' tippjana x'tista' taghmel fil-perjodu meta l-persuna b'dizabilita' tkun qeghda tircievi s-servizz ta' respite, u

- Servizz ta' respite **mhux ippjanat**, cjoé servizz li jinghata mmeta tinqala xi emergenza (per ezempju, meta l-*carer* principali jkollha taghmel operazzjoni urgenti).

Il-Kummissjoni tqies li servizz ta' respite *mhux ippjanat* hu aktar bzonnjuz minn dak ta' respite ppjanat.

Rigward l-ghixien fil-komunità, il-Kummissjoni ilha ghal dawn l-ahhar snin tqis din l-issue bhala prijorita u dejjem insistiet li ghandu jkun hemm:

- skemi ta' assitenza personali
- djar zghar fil-komunità (bhal m'huma Dar Il-Wens, Dar Nazareth u Dar iz-Zerniq).

Il-mudelli ta' ghixien issapportjat li ssemmew hawn fuq u li ghandhom l-appogg tal-Kummissjoni huma l-istess mudelli li qed jigu mhaddma b'success minn pajjizi zviluppati. Il-Kummissjoni temmen li l-persuni b'dizabilità ghandhom jinghataw servizzi ta'

kwalità. Wara kollox kulhadd qed jahdem biex ittejjeb il-kwalità ta' hajtu u mhux biex imur lura. Ghalhekk, fid-dawl ta’ dan kollu, il-Kummissjoni ma tistax taqbel ma’ proposti li saru fil-media f’dawn l-ahhar gimghat li l-Isptar San Luqa, jew partijiet minnu, ghandhom jintuzaw bhala facilità residenzjali ghall-persuni b’dizabilità.

Ghall-Kummissjoni, l-akbar prijoritajiet jibqghu servizzi bhal: djar zghar fil-komunità, skemi ta’ assistenza personali, policy dwar l-imgieba difficli (*challenging behaviour*) u respite mhux ippjanata. Ghaldaqstant, il-parir tal-Kummissjoni huwa li kull investiment gdid fil-qasam tal-persuni b'dizabilità ghandu jmur ghas-servizz ta’ ghixien issapportjat fil-kommunità.

___